**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 71/2022 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**-Vs-**

**GEORGE BARBARA**

**Illum, 18 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **GEORGE BARBARA**, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Jannar 1974 residenti fil-fond Block E, Entrance C, Flat 3, Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbuġ, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0094274M, li ġie akkużat talli fil-5 ta' Novembru 2021 ġewwa Triq ix-Xatt Marsaxlokk bejn nofsinhar u ħamsa u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar (12 :25hrs) u is-siegħa nieqes għoxrin ta' wara nofs inhar (12 :40hrs):-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna offiża ta' natura ġravi fuq il-persuna ta' Robert Zerafa u dan skond

ma' ċċertifikat Dr Sophia Tahir MD mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indidenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenża pubblika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338(DD) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija il-Qorti tipprovdi għas-sigurta' ta' Robert Zerafa ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Robert Zerafa ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2023 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri rispettivi tal-parti offiża u tal-imputat fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 u dan wara li ħadet konjizzjoni wkoll ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-26 ta' Frar 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu** minn inċident li seħħ fil-5 ta' Novembru 2022 faċċata tal-istabbiliment bl-isem Rizzu fil-promenade ta' Marsaxlokk, fejn jirriżulta li kienu involuti diversi persuni fosthom l-imputat George Barbara, li kien jiġġestixxi l-istabbiliment flimkien ma' ċertu George Galea. **F'dan l-inċident kien weġġa' l-parti offiża kif ukoll ħuħ Daniel Zerafa, iżda l-imputat odjern qiegħed akkużat li kkaġuna offiżi biss fuq Robert Zerafa, filwaqt li l-offiżi li ġarrab Daniel Zerafa huma l-mertu ta' proċeduri kriminali separati.** Kollox juri li dan l-argoment nibet minħabba r-retroxxena ta' diżgwid li kien hemm bejn l-operaturi tal-istabbiliment Rizzu, fosthom l-imputat, fuq naħa waħda, u l-parti offiża Robert Zerafa u ħuh Daniel Zerafa fuq in-naħa l-oħra, għaliex dawn tal-aħħar kienu jarmaw kjosk fuq il-moll quddiem ir-restaurant b'mod li kien iżomm lill-istabbiliment milli jarma l-imwejjed u siġġijiet fuq barra u kienu jikkontendu li l-istabbiliment ma kellu ebda permess biex jokkupa l-post fejn kien jarma l-monti.

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta** illi fil-5 ta' Marzu 2021 wieħed mill-impjegati ta' Rizzu Restaurant, mar biex jarma umbrella fuq ix-xatt faċċata tar-restaurant iżda ġie mwaqqaf minn Daniel Zerafa, li qallu li l-istabbiliment ma kellux permess mingħand il-Kunsill Lokali biex jarma fuq barra u li l-post kien f'kull każ riżervat għall-monti. Meta ġew mgħarrfin b'dan l-imputat u George Galea, George Galea ħareġ bl-umbrella f'idu biex jaffronta lil Daniel Zerafa u ħareġ ukoll l-imputat George Barbara. Hemmhekk qam argoment bejniethom, b'ħafna għajjat u storbju kif

ukoll bid-daqqiet bil-ponn u bis-sieq[1], fejn Daniel Zerafa rċieva diversi daqqiet kif ukoll b'xi mod intlaqat b'daqqa ta' umbrella, u waqa' fl-art fejn intilef minn sensih. F'ħin minnhom daħal fix-xena Robert Zerafa, il-parti offiża, biex jgħin lil ħuh u hawnhekk inqala' argoment li fih kienu involuti l-parti offiża, l-imputat u George Galea u qed jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat aggredixxa lil Robert Zerafa u kkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi. Fil-fatt, sija l-parti offiża Robert Zerafa u sija wkoll ħuh Daniel Zerafa kellhom jittieħdu l-Isptar minħabba l-ġrieħi li sofrew f'din il-ġlieda filwaqt li l-imputat u George Galea wkoll sofrew xi ġrieħi iżda ta' natura ħafifa.

Robert Zerafa ġie ċertifikat li sofra laċerazzjoni u nefħa ftit iktar 'il fuq mill-għajn tax-xellug u qasma fuq idu tal-lemin[2]. Dr. Sophia Tahir xehdet illi minn CT scan li saritlu, irriżulta li kellu '*a mildly depressed fracture of the left frontal bone'* u kklassifikat dawn il-ġrieħi bħala ġrieħi ta' natura gravi.

Illi peress li l-imputat jiċħad l-akkużi kif ukoll fix-xhieda tiegħu nnega li huwa aggredixxa lil Robert Zerafa, il-parti offiża u weġġgħu, il-Qorti tqis illi jeħtieġ li jsir evalwazzjoni bir-reqqa tal-kredibbilita' tal-verżjoni tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża sabiex tista' tasal biex tiddetermina l-ħtija o meno tal-imputat għar-reati li jinsab mixli bihom.

**Arthur Cini**, impjegat fl-istabbiliment tal-imputat u ta' George Galea, xehed illi huwa kien fl-istabbiliment u sema' l-istorbju barra u meta kien ħiereġ biex jara x'qed jiġri, kien sema' lil Daniel Zerafa jgħajjat u jisfida lill-imputat u lil George Galea għall-ġlied, u rah pprova jattakka lill-imputat. Għalhekk, hu daħal bejniethom biex iżommhon ħalli ma jkomplux jagħtu lil xulxin. Imbagħad l-imputat daħal fl-istabbiliment u qallu li kienu qed jilletikaw barra mal-Kunsillier, ċioe' Daniel Zerafa. Huwa ra li l-imputat kellu d-demm f'wiċċu. Innega li kien ra lil Robert Zerafa jaqbad

[1] Ara xhieda ta' Dr. Jonathan Joslin, 9 ta' Ġunju 2022.

[2] Ara xhieda Janice Caruana tal-25 ta' Lulju 2022 u Dok. JC1.

siġġu biex jagħti bih lill-imputat u lil George Galea, u ma ra ebda daqqiet bejn Robert Zerafa u l-imputat.

**Claudio Di Bella** da parti tiegħu, xehed illi huwa ngħata struzzjonijiet mill-imgħallem tiegħu biex joħroġ barra bl-umbrella biex jarmaha, iżda ġie konfrontat minn persuna li ma ħallitux jarma l-umbrella u għalhekk reġa' daħal 'il ġewwa. Meta reġa' ħareġ mill-istabbiliment ra lil persuna oħra, li huwa identifika bħala Robert Zerafa l-parti offiża, jagħti daqqa ta' ponn lill-imputat.

**Karsten Ciangura** li wkoll kien jaħdem mal-imputat dak iż-żmien, mar jarma umbrella barra fuq struzzjonijiet tal-imgħallem tiegħu u ġie mwaqqaf minn Daniel Zerafa. Meta daħal ġewwa biex jgħid lill-imputat b'dan, qallu biex jerġa' joħroġ bl-umbrella xorta waħda u ħareġ miegħu. Bdew jilletikaw l-imputat u Daniel Zerafa, u ħareġ ukoll George Galea li dak il-ħin imbotta lil Daniel Zerafa, li qabad mal-umbrella li nqalgħet minn postha. Dak il-ħin l-imputat, George Barbara, dar u ta daqqa ta' ponn lil Daniel Zerafa fejn dan tal-aħħar waqa' mal-art u ntilef minn sensih. Karsten Ciangura xehed li ħares lejn Daniel Zerafa għaliex ra li kellu qasma, u hekk kif għolla rasu, jara lil-imputat jagħi daqqa ta' ponn lil Robert Zerafa f'għajnejh u hu ndaħal biex jipprova jferraqhom u l-istorja spiċċat hemmhekk. Stqarr illi ra lill-imputat b'daqqa fuq wiċċu jew fi snienu, iżda ma jafx min tahielu u ma kienx ra lil Robert Zerafa jagħti daqqa ta' ponn lill-imputat.

**Robert Zerafa** xehed quddiem il-Qorti illi fil-5 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tal-12.30 p.m. mar jarma għall-monti fi Triq ix-Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk flimkien ma' ħuh Daniel Zerafa u ġie impjegat tal-istabbiliment Rizzu Restaurant biex jarma xi umbrelel fejn ħuh Daniel, li hu Kunsillier fil-Kunsill Lokali, mar fuq dan l-impjegat u spjegalu li l-istabbiliment m'għandux permess biex jarma fuq barra fiż-żona tal-monti. Imbagħad ħarġu l-imputat u George Galea, qabdu jgħajtu u qasmu t-triq u bdew jgħajru lilu u lil ħuh. F'daqqa waħda, George Galea imbotta lil ħuh Daniel Zerafa u fl-istess ħin l-imputat tah ukoll daqqa ta' ponn fuq wara ta' rasu bil-ponn kollu ċrieket, u ħuh intilef minn sensih u nstabat mal-art. Iżda minkejja li ħuh kien ferut, il-persuni

l-oħrajn li kienu involuti fit-taqtigħa, fosthom George Galea, Arthur Cini, Claudio Di Bella u Karsten Ciangura, daru ma' ħuh u komplew ituh bis-sieq. Dak il-ħin kien ixxokkjat u għalhekk qabad l-iktar wieħed minnhom li kien viċin tiegħu, li inzerta li kien l-imputat, George Barbara, minn spallejh minn wara biex jiġbdu lura u jżommu milli jkompli jsawwat lil ħuh. Dak il-ħin l-imputat dar fuqu u qallu "*inti bully bħal ħuk?*" u qabad u tah daqqa ta' ponn bl-istess ponn biċ-ċrieket, ġo rasu fuq għajnejh tax-xellug u fuq moħħu u kif tah id-daqqa ta' ponn, il-persuni l-oħrajn li kienu kien hemm, daru kollha fuqu. Xehed illi dak il-ħin Karsten Ciangura beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni u beda jgħid lill-imputat biex jieqaf isawtu, u l-ġlieda waqfet hemm bis-saħħa tal-intervent tal-istess Karsten Ciangura. Sostna wkoll li matul din it-taqbida, huwa qala' daqqa waħda biss u dan mingħand l-imputat George Barbara u minn ħadd iktar u innega li f'xi waqt kien ta daqqa ta' ponn lill-imputat jew li kien mar jaqbdu biex isawtu.

Robert Zerafa xehed ukoll illi wara li ġiet l-ambulanza u ngħata l-ewwel għajnuna, hu u ħuh ittieħdu l-isptar u sar jaf li l-għadma ta' wiċċu xxaqqet. Fil-fatt sal-lum għad għandu ħofra f'dik il-parti fejn ixxaqqet l-għadma għaliex din daħlet 'il ġewwa bid-daqqa li qala', liema daqqa qal li kienet waħda b'saħħitha. Baqa' jħoss ħafna uġigħ f'wiċċu anke wara li għaddiet iktar minn sena mill-inċident.

**George Barbara, l-imputat**, għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u xehed[3] illi dakinhar tal-inċident George Galea, li kien sħab miegħu fir-restaurant, kien ta struzzjonijiet lill-ħaddiem tiegħu biex jarma l-imwejjed u siġġijiet barra, faċċata tal-istabbiliment, iżda mbagħad daħal u qallu li ħu Robert Zerafa ma kienx ħallih jarma. Għalhekk George Galea kien ħareġ 'il barra u hu beda jisma' ħafna storbju u meta ttawwal barra, ra lil Daniel Zerafa jaqbad umbrella, qalagħha u ta lil George Galea daqqa biha. Kif ra hekk, huwa ħareġ jiġri fit-triq biex iferraqhom u dak il-ħin jaqla' daqqa ta' ponn tajba mingħand persuna li ma kienx jaf min hi "*Emmini ma nafx u mbagħad sirt naf li dak ir-raġel*", b'riferenza għall-parti offiża, Robert Zerafa. Xehed illi sar jaf li kien Robert

[3] Xhieda tas-17 ta' Lulju 2023.

Zerafa li tah id-daqqa ta' ponn għaliex qalulu n-nies u kien hemm il-ħaddiema tiegħu preżenti. Stqarr ukoll illi x'ħin qala' d-daqqa ta' ponn, Daniel Zerafa ma kienx għadu waqa' fl-art u ppreċiża illi d-daqqa qalagħha qabel, x'ħin mar iferrqu minn ma' George Galea iżda ma kienx qalagħha mingħand Daniel. Qal ukoll illi bid-daqqa ta' ponn, inqalgħulu xi snien u nkisrulu n-nuċċali u storda u sostna ripetutament illi huwa kien qala' biss daqqa ta' ponn waħda, u dan mingħand persuna li jirriżulta li kien Robert Zerafa. Kif qam sab ruħu faċċata u kien hemm infermiera qed teżaminah.

Mistoqsi mill-Qorti kienx ta daqqa ta' ponn lil xi ħadd huwa stess, l-imputat qal: "*Ma niftakarx, jien naf li stordejt u sibt ruħi fuq il-bankina*", iżda eskluda li qabel qala' d-daqqa ta' ponn kien ta xi daqqiet lil xi ħadd hu stess. Stqarr ukoll li ma jafx illi Daniel Zerafa bid-daqqa ta' ponn li kien qala', kien spiċċa stendut mal-art mitluf minn sensih u lanqas jaf jekk kienx ta daqqa ta' ponn lill-istess Daniel Zerafa. L-imputat xehed ukoll illi jaqbel li Robert Zerafa kien indaħal fil-ġlieda biex iferraq il-ġlieda meta ħuh Daniel kien diġa' stendut mal-art u sostna li ma jafx li ta daqqa ta' ponn lil Robert Zerafa.

**George Galea**, prodott bħala xhud in difesa, xehed illi qala' daqqa ta' umbrella ġo wiċċu mingħand Daniel Zerafa u weġġa' sewwa; kellu d-demm ġo ħalqu u minn dakinhar bdiet tiċċaqlaqlu sinna. Hekk kif dar, ra lill-imputat u lil Robert Zerafa jilletikaw u dak il-ħin kien hemm konfużjoni sħiħa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba,

tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib lill-akkużat ħati ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Għandu jingħad li mhux ftit huma dawk il-każijiet fejn, bħall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed

waħdu, jekk emnut, huwa sufficjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[4]

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[6] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

---

[4] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[5] Deciza 9.7.2003.
[6] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[7]

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fix-xhieda tiegħu jsostni li huwa ma jiftakarx jekk kienx ta daqqa ta' ponn lil Robert Zerafa, il-parti offiża, iżda eskluda kategorikament illi kien ta bil-ponn lil xi ħadd qabel qala' d-daqqa ta' ponn mingħand Robert Zerafa. Il-Qorti tosserva li din il-verżjoni tikkozza ferm mal-verżjoni mogħtija mill-imputat innifsu lill-Pulizija meta mar jirrapporta l-inċident fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun fl-12.30 p.m. ċioe' minnufih wara l-inċident, huwa stqarr bla tlaqliq li Daniel Zerafa lagħbielu bil-ponn f'wiċċu meta mar ħdejn George Galea biex iferraq il-ġlieda bejniethom, u huwa rrejaġixxa billi lagħablu daqqa ta' ponn lura.

[7] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Għalkemm huwa minnu li l-imputat ukoll irrapporta lill-Pulizija *a tempor vergine* illi dak il-ħin li kien qed jiġġieled ma' Daniel Zerafa u qala' daqqa ta' ponn mingħandu, kien hemm ħuh, Robert Zerafa, li wkoll qabad u tah daqqa ta' ponn, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat ta verżjoni kompletament differenti fejn insista li huwa **qala' biss daqqa waħda bil-ponn**, u dan mingħand Robert Zerafa u eskluda speċifikatament illi din id-daqqa tal-ponn kien qalagħha mingħand Daniel Zerafa. Mhux hekk biss, talli l-imputat insista li b'din l-istess daqqa li qala' mingħand il-parti offiża, inkisrulu f'daqqa n-nuċċali tal-vista kif ukoll iċċaqalqulu xi żewġ sinniet.

Il-Qorti tosserva illi l-imputat jikkontradixxi ruħu wkoll meta fix-xhieda tiegħu, l-ewwel sostna illi x'ħin qala' d-daqqa ta' ponn mingħand Robert Zerafa, Daniel Zerafa ma kienx għadu waqa' fl-art u ppreċiża illi din id-daqqa qalagħha qabel, x'ħin mar iferraq lil Daniel Zerafa minn ma' George Galea, iżda imbagħad afferma illi Robert Zerafa kien indaħal fil-ġlieda biss wara li Daniel Zerafa kien mal-art u dan biex jipprova jferraq il-ġlieda u ma jafx li kien tah daqqa bil-ponn. Għall-Qorti dan ma jagħmel ebda sens u tkompli tirriafferma l-fehma tagħha li l-imputat m'huwiex kredibbli fil-verżjoni tiegħu. Ma temmnux lanqas fejn xehed li ma jiftakarx jekk kien ta daqqa ta' ponn lil xi ħadd wara li qala' d-daqqa ta' ponn allegatament mingħand Robert Zerafa, għaliex kien storda u sab ruħu fuq il-bankina u ma jafx x'kien ġara. Fir-rapport li għamel huwa stess lill-Pulizija biss ftit minuti wara l-inċident, l-imputat ma semma' xejn minn dan u evidentement irrapporta fatti ferm differenti minn dawk li xehed dwarhom quddiem il-Qorti.

Għall-Qorti hu sinjifkanti wkoll li l-imputat fix-xhieda tiegħu stqarr li ma kienx jaf min kien tah id-daqqa ta' ponn meta mar iferraq il-ġlieda bejn George Galea u Daniel Zerafa, u sar jaf li kien Robert Zerafa li kien tah id-daqqa ta' ponn li kisritlu n-nuċċali u ċaqalitlu xi snien, għaliex qalulu n-nies u l-ħaddiema tiegħu li kienu preżenti. Dan ikompli jafferma l-inaffidabbilita' tal-verżjoni tal-imputat li, fuq kollox, hi kontradetta pjenament mhux biss mill-parti offiża iżda wkoll mill-impjegat tiegħu stess, Karsten Ciangura. Karsten Ciangura, fix-xhieda tiegħu, filwaqt li kkonferma l-verżjoni tal-imputat li l-parti offiża, Robert Zerafa, indaħal biex iferraq l-argoment wara li Daniel

Zerafa spiċċa mal-art, xehed bla tlaqliq li f'ħin minnhom, waqt illi l-imputat u George Galea komplew jargomentaw din id-darba ma' Robert Zerafa, l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Robert f'għajnejh u hemmhekk, hu ndaħal biex jipprova jferraqhom. Għalkemm xehed illi ra lill-imputat b'daqqa fuq wiċċu jew fi snienu, ma kienx jaf min tahielu u ma kienx ra lil Robert Zerafa jagħti daqqa ta' ponn lill-imputat.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi x-xhieda ta' Karsten Ciangura hija konsistenti u pjenament kompatibbli mal-verżjoni li kien ta lill-Pulizija *a tempor vergine* skont kif jirriżulta mir-rapport tal-okkorrenza, fejn kien qal li ra lil George Barbara jagħti daqqa ta' ponn lil Robert Zerafa[8]. Tosserva wkoll illi Arthur Cini, li wkoll kien impjegat tal-imputat dak iż-żmien, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li ma kien ra ebda daqqiet bejn Robert Zerafa u l-imputat.

L-inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputat ikomplu jispikkaw meta din tiġi mqabbla mal-verżjoni sempliċi u konsistenti tal-parti offiża, Robert Zerafa li xehed bla tlaqliq kif qala' daqqa ta' ponn mingħand l-imputat meta qabdu minn spalltu biex jiġbdu lura u jwaqqfu milli jkompli jsawwat lil ħuh li kien spiċċa mal-art bid-daqqa ta' ponn li xejjirlu l-istess imputat. Xehed illi hawnhekk l-imputat dar fuqu u qallu "*inti bully bħal ħuk?*" u qabad u tah daqqa ta' ponn ġo rasu fuq għajnejh tax-xellug u fuq moħħu. Din il-verżjoni kif rajna hi korroborata minn Karsten Ciangura kif ukoll hi pjenament konsistenti mal-verżjoni li l-istess Robert Vella kien ta lill-Pulizija fit-22 ta' Novembru 2021[9].

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-fatt illi l-imputat insista li huwa kien qala' daqqa ta' ponn wieħed biss matul it-taqtigħa kollha, meta hu stabbilit mill-provi u mistqarr minnu stess fir-rapport tiegħu lill-Pulizija, li kien diġà' qala' daqqa ta' ponn ukoll mingħand Daniel Zerafa (għal liema daqqa kien irrejaġixxa billi tah daqqa lura), tqanqal ħsieb

[8] L-allegazzjoni tad-difiża li Robert Zerafa ħallas xi flus biex jixhed kontra l-imputat hija infondata u baqgħet ma ġietx ippruvata u l-Qorti tqis li hija fiergħa ankje għaliex jirriżulta li x-xhieda ta' Karsten Ciangura hija l-istess verżjoni li kien ta lill-Pulizija li investigaw l-inċident u ma biddel xejn minn din il-verżjoni meta xehed quddiem il-Qorti, anke jekk ma baqax impjegat miegħu.

[9] Ara rapport tal-okkorrenza u xhieda ta' PS 15 Cyril Butters.

ħażin dwar l-insistenza tiegħu fix-xhieda illi kien qala' biss daqqa ta' ponn waħda li fl-istess waqt kissirtlu mhux biss in-nuċċali iżda wkoll żewġ sinniet, kif ukoll dwar l-insistenza tiegħu li din id-daqqa ta' ponn qalagħha mingħand Robert Zerafa ad esklużjoni ta' xi ħadd ieħor.

Għandu jingħad ukoll illi jekk il-linja difensjonali tal-imputat hi fis-sens li huwa lanqas jaf jekk kienx irrejaġixxa b'aggressjoni kontra l-parti offiża, ma jista' qatt jikkonvinċi lill-Qorti li huwa aġixxa għad-difiża tiegħu nnifsu kontra xi aggressjoni inġusta da parti tal-parti offiża, u dan b'riferenza għas-sottomissjonijiet li saru fir-rigward mill-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni finali.

**Il-Qorti, wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, tqis li għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-parti offiża li huwa ġie aggredit mill-imputat li tah daqqa ta' ponn f'għajnejh wara li pprova jiġbdu lura u jżommu milli jsawwat lil ħuh - u mhux lill-verżjoni tal-imputat li ma jiftakarx jekk kien ta daqqa ta' ponn lil Robert Zerafa. Fil-fehma tagħha, il-verżjoni ta' Robert Zerafa kienet waħda konsistenti mill-bidu sal-aħħar fl-aspetti kollha tagħha, u l-kredibbilita' tiegħu ma ġietx imnaqqxa bl-ebda mod, kuntrarjament għall-verżjoni tal-imputat li kif rajna, mhux biss m'hijiex konsistenti iżda hija wkoll kontradittorja u mhux attendibbli, partikolarment fil-parti fejn ċaħad illi ta daqqiet bil-ponn lil xi ħadd u fejn stqarr li ma jiftakarx jekk kienx ta daqqa ta' ponn lill-parti offiża. Għalhekk, il-Qorti tagħżel li temmen il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni dwar kif żvolġa l-inċident u x'wassal biex il-parti offiża jispiċċa jġarrab l-offiżi f'wiċċu, u sejra tiskarta l-verżjoni tal-imputat li ma jiftakarx jekk kienx tah daqqa ta' ponn. M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi l-verżjoni ta' Robert Zerafa f'xi partikolarita' materjali, u m'hemm xejn lanqas li tinstawra xi dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni tiegħu, kif korroborat minn xhud indipendenti. Fuq kollox, kif rajna, l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi x-xhieda ta' xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti tirravviża fil-provi tal-**

**Prosekuzzjoni dik is-sufficjenza probatorja li twassalha biex tkun sikura dwar il-ħtija tal-imputat għall-offiżi subiti minn Robert Zerafa.**

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab li kkaġuna offiża volontarja fuq il-persuna ta' Robert Zerafa.

Imiss għalhekk li jiġi stabbilit in-natura tal-offiża mġarrba minn Robert Zerafa: jekk hijiex waħda ta' natura gravissima, gravi jew sempliċement ħafifa.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-artikolu 218(1)(b) u l-artikolu 218(2) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jipotetizza l-offiża hekk imsejħa 'gravissima' li ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Biex il-Qorti tista' tasal biex issib ħtija għar-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9, trid ikollha ċ-ċertezza morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-offiżi li ġarrbet il-vittma jirrientraw f'waħda minn dawk l-offiżi prospettati espressament mill-imsemmija dispożizzjonijiet legali, u biex l-offiża titqies bħala sfreġju a tenur tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9, irid jiġi riskonstrat ukoll l-element ta' permanenza u gravita' tal-istess offiża.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew*

*esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[10]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Għaldaqstant, jeħtieġ illi jiġi stabbilit jekk l-offiżi subiti f'wiċċ il-parti offiża, konsistenti l-laċerazzjoni u nefħa ftit iktar 'il fuq mill-għajn tax-xellug, provenjenti allegatament minn *a mildly depressed fracture of the left frontal bone*, humiex offiżi gravi kif ukoll permanenti. Fir-rigward, Robert Zerafa, fl-4 ta' Ottubru 2022 xehed illi għad għandu ħofra f'dik il-parti fejn ixxaqqet l-għadma ta' moħħu liema ħofra tinħass meta jmissha u għadu wkoll iħoss uġigħ f'wiċċu. Xehed ukoll li d-daqqa kienet waħda b'saħħitha ħafna u saħaq ukoll li l-imputat kien liebes ċrieket u d-daqqa tahielu b'dawn iċ-ċrieket.

[10] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Madanakollu, huwa xehed ukoll: "*Imma qaluli din l-injury mhux li tfiq malajr, trid xhur, jiġifieri issa kważi għaddiet sena u xorta il-ħofra għadha hemm u naħseb ħa tibqa' hemm issa.*"

Għall-Qorti dan ifisser illi hija nieqsa l-prova tal-permanenza tal-offiża u f'kull każ, il-Prosekuzzjoni naqsest milli tressaq prova li jmiss dwar jekk id-*depressed fracture* fl-għadma frontali tar-ras, hijiex offiża ta' natura permanenti. Fil-fatt, Dr. Sophia Tahir, filwaqt li kkonfermat li l-offiżi kienu ta' natura gravi, ma xehdtix dwar l-effett permanenti o meno tal-ksur u lanqas ġie prodott fl-atti proċesswali ir-rapport tas-CT scan li ttieħed lill-parti offiża u li minnu ġie riskontrat il-ksur tal-għadma tal-moħħ. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx li ġie ppruvat fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-offiża li ġarrab il-parti offiża, hija waħda li tirrientra fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu 218(1) tal-Kap. 9 għaliex kif ingħad, huwa riskontrabbli dubju raġjonevoli fil-provi dwar il-permanenza tal-offiża.

Madankollu, fl-istess waqt il-Qorti tqis illi l-offiżi subiti minn Robert Zerafa f'wiċċu jistgħu possibbilment jirrientraw fit-tifsira taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, bħala offiża li "*ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.*"

Ġie ritenut:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju ... fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti*

*biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[11]

L-isfreġju, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[12] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Il-gravita' u l-permanenza huma ingredjenti essenzjali tal-offiża gravissima taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 iżda mhux tal-offiża gravi taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jiffigura bħala sfreġju għall-fini tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma. Il-liġi trid illi l-offiża li timmanifesta ruħha f'peġġorament viżibbli – ossia sfreġju - tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, titqies bħala offiża ta' natura gravi. **Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari għaliex dak li hu importanti hu li l-ħsara li tkun ġiet imġarrba tirrientra fit-tifsira ta' "sfreġju"**.

Il-Qorti wara li rat illi hu stabbilit mill-provi[13] illi Robert Zerafa sofra "*a left-side supra-orbtial swelling*", "*lacerated contused wound"*, ossia laċerazzjoni fil-wiċċ "*over the left eyebrow*" kif ukoll nefħa, liema offiżi ġew riskontrati mit-tabiba kif ukoll mill-infermiera li eżaminawh, bħala offiżi viżibbli tant illi dawn ġew klassifikati minn Dr. Sophia Tahir bħala ġrieħi gravi, tqis illi l-offiża in diżamina tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Hija xi ħaġa ovvja li ferita fil-wiċċ, b'mod partikolari nefħa u laċerazzjoni, dejjem ser issarraf**

[11] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.
[12] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[13] Ara ċertifikat mediku f'paġna 7 tal-atti proċesswali u xhieda ta' Dr. Sophia Tahir kif ukoll xhieda ta' Janice Caruana, 27 ta' Lulju 2022, u Dok. JC1.

**f'imperfezzjoni fir-regolarita' tal-wiċċ u tkerrih tad-dehra tal-wiċċ, minkejja l-fatt li din setgħet kienet biss ferita superfiċjali, minkejja li kienet viżibbli jew ħalliet effetti biss għal ftit ġranet, u minkejja wkoll il-fatt illi kieku din l-offiża ġġarrbet fuq parti oħra tal-ġisem tal-vittma mhux imsemmija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, kienet tiffigura bħala offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9**. Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih viżibbli, anke temporanju, tad-dehra tal-wiċċ tal-vittma.

Biex tiġi trattata s-sottomissjoni tal-abbliavukat difensur fit-trattazzjoni, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li anke mingħajr il-prova ta' ritratt jew rapport ta' espert mediku ġudizzjarju, l-offiżi deskritti mill-parti offiża u mit-tabiba u l-infermiera li eżaminawh mhux biss huma ppruvati sodisfaċjentement iżda wkoll ħassru d-dehra ta' wiċċu u konsegwentement jikkostitwixxu sfreġju fil-wiċċ, għad illi mhux taħt id-dispożizzjonijiet ċitati espressament mill-Avukat Ġenerali iżda taħt id-dispożizzjonijiet tar-reat minuri taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Wara kollox, dan ir-reat huwa naturalment kompriz fir-reat iktar gravi prospettati fl-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9.

Fil-fatt, kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reati kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(bb) u l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 għaliex imkien mill-provi ma jirriżulta li huwa qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti jew li għamel atti jew ġesti oxxen jew offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika u ħadd ma xehed dwar xi imġieba jew kliem da parti tal-imputat li jinkwadra fil-parametri tad-dispożizzjoni legali in diżamina.

Madankollu, tirravviża l-ħtija tal-imputat għall-kontravvenzjoni taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio Galea**[14], fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Imbagħad, iktar riċentement, fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[15] , l-istess Qorti reġgħet trattat l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali*

[14] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.
[15] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-*kontravvenzjoni *meta jkun hemm* ***ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil***. (emfasi ta' din il-Qorti)[16]

Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sodisfaċjentement mix-xhieda tal-parti offiża u tax-xhieda l-oħra li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni, illi l-imputat kien involut f'taqtigħa vjolenti fejn mix-xhieda tal-istess parti offiża u Karsten Ciangura, ta daqqa ta' ponn lil Daniel Zerafa li waqqgħetu mal-art, u fejn baqa' jtih bis-sieq. Iktar minn hekk, ta wkoll daqqa ta' ponn lill-parti offiża meta huwa pprova jiġbdu lura ħalli ma jibqax jagħti lil ħuh. Tqis ukoll li dan kien aġir vjolenti li bla dubju, anke oġġettivament huwa kapaċi jixpruna fil-persuni preżenti ċertu qies ta' tħassib għall-inkolumita' tagħha jew ta' ħaddieħor, kif del resto ixpruna f'Robert Zerafa, Arthur Cini u Karsten Ciangura li pprovaw jindaħlu biex iferrqu l-ġlieda.

---

[16] Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:- *"Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently,* ***we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'*** *(p.182)."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali tal-imputat fejn jirriżulta li diġa' nstab ħati li kkaġuna offiżi volontarji fuq persuna oħra, għalkemm il-bqija tal-kundanni jidher li kienu relatati biss ma' ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Mill-kwadru taċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, hu ovvju li kien hemm retroxxena u storja ta' diżgwid bejn il-partijiet dwar materji li kienu jolqtu l-għajxien tagħhom ta' kuljum, fejn l-imputat kien qed jaffaċċja ostakoli rikorrenti fil-ġestjoni tan-negozju tiegħu, liema diżgwid sfortuntament ikkolmina fil-ġlieda mertu tal-każ. Barra dan il-fatt illi kien hemm individwi oħrajn involuti fit-taqbida u kollox jidher li seħħ fis-saħna ta' din it-taqbida. Il-Qorti fehmet ukoll illi dan kien inċident iżolat u li in segwitu għal dan l-inċident, l-imputat ma baqax jiġġestixxi r-restaurant fejn kien qed jirriskontra l-problemi li taw lok għall-inċident mertu ta' dan il-każ, u intraprenda negozju ta' restaurant f'inħawi differenti biex tabilħaqq jevita d-diżgwid mal-parti offiża u ma' ħuh.

Għalkemm għandu jiġi enfasizzat illi l-vjolenza hija kundannabbli u ma tista' qatt titqies bħala sostitut aċċettabbli għall-komunikazzjoni u tolleranza jew bħala soluzzjoni għall-problemi li inevitabbilment sejrin jiġu riskontrati fuq ix-xogħol fil-ħajja ta' kuljum, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz u fil-qies tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, tqis li l-imputat ma jimmeritax piena karċerarja iżda għandu jingħata ordni taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GEORGE BARBARA ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta), tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex jinżamm il-bon ordni pubbliku u biex ma jimmolestax lil Robert Zerafa u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti wissiet lil GEORGE BARBARA bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**